# Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita'

# SERVIZZI TA' MATUL IL-JUM ghall-Persuni b'Dizabilita wara s-Sittax-il Sena

*Dokument ta' Diskussjoni*

***Frar 2003***

## Introduzzjoni

1. Pajjizna addotta politika generali ta' inklussjoni fl-oqsma kollha tas-Socjeta. Din il-filosofija timmanifesta ruhha l-aktar fil-qasam ta' l-Edukazzjoni b'mod specjali fil-politika tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali. Din il-filosofija ta' inklussjoni thaddam setturi differesi tas-Socjeta' ghalkemm traddizzjonaliment, il-kuncett ta' inklussjoni fl-edukazzjoni f'pajjizna tista' tghid li nibet fil-qasam tal-persuni b'dizabilita, l-ewwel bhala kuncett ta' integrazzjoni li kompla jizviluppa ghal dak prezenti ta' inklussjoni.

2. Il-politika ta' edukazzjoni inkluziva fil-qasam ta' l-edukazzjoni taghti l-opportunita lil studenti b'dizabilita' li jiehdu l-edukazzjoni taghhom ma' tfal bhalhom biex hekk huma jithalltu ma' tfal ohra, jitghallmu maghhom, u jiffurmaw hbiberiji maghhom. B'hekk it-tfal kollha jkollhom l-opportunita' li jitilghu flimkien u li jkunu inkluzi fis-socjeta'.

3. Il-politika ta' inkluzzjoni ma tistax tieqaf fil-qasam ta' l-edukazzjoni obbligatorja biss. Sabiex l-inkluzjoni ssehh fil-verita irid ikun hemm ukoll l-istrutturi mehtiega biex anké fil-hajja wara l-edukazzjoni obbligatorja u fil-hajja adulta, persuni b'dizabilita jkollhom l-istess opportunitajiet bhal persuni ohra ta' mparhom. Dan jinkludi l-edukazzjoni post-sekondarja li hi mezz importanti ta' kif wiehed ikompli jzid il-kwalifiki tieghu u ghalhekk izid ukoll l-opportunitajiet li jsib xoghol u anke fid-dinja tax-xoghol stess. Fil-prezent, ftit li xejn hemm studenti b'dizabilita li jkomplu jistdujaw wara l-iskola sekondarja u studenti li jkunu gawdew mill-edukazzjoni inkluziva xorta wahda jsibu hafna ostakli meta jfittxu l-inkluzjoni fis-socjeta' bhala adulti. L-istess mod, in-numru ta' persuni b'dizabilita, l-aktar dawk li ghandhom bzonn livell gholi ta' sapport ftit li xejn qed jirnexxielhom jidhlu fid-dinja tax-xohgol. Ghalhekk, il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita temmen li hemm bzonn li pajjizna jaghti harsa fil-fond ta' x'qed jigri f'dan il-qasam ta' transizzjoni mill-hajja ta' l-iskola ghad-dinja tax-xoghol – transizzjoni importanti ghal kulhadd inkluz, jekk mhux aktar ukoll ghal zghazagh b'dizabilita.

4. Din il-filosofija trid tinkwadra ukoll fid-dawl tal-Ligi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Dizabilita) li tesigi li ma ghandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni fuq bazi ta' dizabilita kemm fil-qasam edukattiv kif ukoll fid-dinja tax-xoghol. Ghalhekk jekk pajjizna jrid jsegwi din il-ligi hemm bzonn li l-istrutturi kollha li jahdmu f'dan is-settur jibdew jiehdu dawk il-mizuri necessarji biex zghazagh b'dizabilita jkollhom opportunitajiet indaqsfis-settur edukattiv post-sekondarju, fl-edukazzjoni vokkazzjonali u fid-dinja tax-xoghol.

## Is-Sitwazzjoni Prezenti

5. Fil-prezent, studenti b'dizabilita qed jiehdu l-edukazzjoni taghhom jew fi skola regolari bis-sapport mehtieg jew inkella fi skejjel specjali. Skond l-ahhar statistika li ghandna, hemm 889 student b'dizabilita li qed jiehdu xi forma ta' sapport mid-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni. 614 minnhom qed jiehdu l-edukazzjoni taghhom fi skejjel regolari waqt li 275 student iehor qed jiehdu l-edukazzjoni taghhom fi skejjel specjali.

6. Fl-iskejjel regolari hemm 64 student b'dizabilita li ghandhom aktar minn 14-il sena u huma mqassma hekk:

| | |
|---|---|
| 16 | Nuqqas fiziku |
| 9 | Nuqqas ta' smigh |
| 8 | Nuqqas ta' dawl |
| 23 | Nuqqas intellettwali |
| 8 | Aktar minn nuqqas wiehed |

Mill-275 student f'dizabilita li jattendu l-iskejjel specjali hemm 169 student li ghandhom aktar minn 14-il sena u li kollha ghandhom dizabilita intellettwali. Nofshom, jigifieri 85 student, ghandhom atkar minn 14-il sena u ghandhom dizabilita intellettwali u xi dizabilita ohra.

7. Dan ifisser li b'kollox hemm 233 student b'dizabilita li ghandhom aktar minn 14-il sena u li huma qassma hekk:

| | |
|---|---|
| 16 | Nuqqas fiziku |
| 9 | Nuqqas ta' smigh |
| 8 | nuqqas ta' dawl |
| 107 | nuqqas intellettwali |
| 93 | aktar minn nuqqas wiehed |

8. L-istudenti li jattendu l-iskejjel specjali jistghu jibqghu jiehdu l-edukazzjoni taghhom sa l-eta ta' 19-il sena u fil-kaz ta' l-istudenti ta' l-Iskola Guardian Angel jistghu jaghmlu dan sa 23 sena. Il-maggoranza ta' dawn il-persuni, wara li jispiccaw l-iskola specjali, jibdew jiehdu s-Servizzi ta' Matul il-Jum primarjament mic-Centri ta' Matul il-Jum li l-Ministeru ghall-Politika Socjali, u fil-kaz ta' Ghawdex mill-Ministeru ghall-Ghawdex, ghandhom.

9. L-istudenti b'dizabilita li jattendu skejjel regolari normalment jispiccaw il-kors sekondarju taghhom ta' 16-il sena. Xi uhud jaghmlu aktar ghax jirrepetu sena jew aktar. Numru zghir minnhom ikomplu l-edukazzjoni taghhom, anke b'certu ammont ta' sapport, fi skejjel post-sekondarji kif tidher f'din it-tabella:

| | **Studenti b'dizabilita** | **Populazzjoni ta' Studenti** | **Percentagg** |
|---|---|---|---|
| Universita | 5 | 9127 | 0.05 |
| Junior College | 3 | 2800 | 0.11 |
| Giovanni Curmi | 2 | 1230 | 0.16 |
| MCAST | 17 | 2018 | 0.84 |

Numru iehor isibu xoghol bis-sapport jew bla sapport. Pero l-ohrajn, li jikkosittwixxu l-maggoranza, bejn l-etajiet ta' 16 u 23 sena, l-aktar dawk li ghandhom dizabilita intellettwali, ma hemm xejn mahsub ghalihom .

10. L-Universita ta' Malta ghandha kumitat dwar persuni b'dizabilita u ghandha persuna impjegata biex taghti sapport lill-studenti ghomja.

11. Id-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni qed issostni li l-istudenti li jispiccaw l-edukazzjoni obligatorja ghandhom id-dritt u l-fakulta li jekk iridu jistghu jkomplu l-edukazzjoni taghhom billi jattendu skola specjali sakemm jaghlqu d-19-il sena.

12. Hafna mill-istudenti b'dizabilita intellettwali li jispicca l-iskejjel specjali u numru ta' dawk li jispiccaw mill-iskejjel regolari jibdew jiehdu Servizz ta' Matul il-Jum. Il-parti l-kbira ta' dawn is-servizz qed jinghata minn

(a) 4 Centri kbar fl-Imtarfa, Fleur-de-Lys, Hal Far u Wied il-Ghajn immexxija mid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Servizzi fil-Komunita;

(b) Centru mdaqqas f'Ghajnsielem, immexxi mill-Ministeru ghal Ghawdex;

(c) Tliet Centri tar-Rizorsi zghar fil-komunita ta' l-Imtarfa, Pembroke u l-Kottonera, immexxija mid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Servizzi fil-Komunita;

(d) Centru tar-Rizorsi mmexxi mill-Fondazzjoni Eden bis-sapport finanzjarju tal-Ministeru ghall-Politika Socjali;

(e) Servizzi ta' Matul il-Jum lil numru zghir ta' adulti mill-Fondazzjoni Respite Care Services.

(f) Sheltered workshop ghar-residenti ta' Dar Nazareth, Zejtun immexxi mill-Fondazzjoni Nazareth.

(g) Impieg f'ambjent protett (sheltered employment) mad-ditta McNeill li fih jattendu r-residenti tal-Fondazzjoni Wens u numru zghir ta' persuni b'dizabilita ohra.

(h) Kooperattiva mmexxija mill-Fondazzjoni Eden.

(i) Sheltered workshop zghir ghall-persuni b'nuqqas fiziku mmexxi mill-Muscular Dystrophy Group, fil-Gzira.

(j) Centru ghall-Persuni Ghomja f'Santa Venera mmexxi mid-Dipartiment ta' l-Anjani u Servizzi fil-Komunita.

13. Fil-qasam ta’ l-Impjiegi, l-ETC thaddem il-Ligi tal-Impjiegi (Persuni b’Dizabilita) ta’ l-1969 li fost l-ohra tghid li kull min ihaddem aktar minn 20 ruh irid jimpjega 2 % li jkunu registrati bhalla persuni b’dizabilita. Dan ir-registru jinzamm mill-ETC stess.

14. L-ETC ghandha ftehim ma’ NGOs (Fondazzjoni Eden, Fondazzjoni ARKA u Fondazzjoni Richmond) biex tharreg u timpjega persuni b’dizabilita intellettwali jew psikologika. Hi ghandha ukoll ftehim mal-MITTs dwar tahrig fuq kompjuters lill-persuni ghomja.

15. L-ETC ghandha l-iskema Bridging the Gap li permezz taghha tista’ tghin finanzjarament employers iharrgu persuni b’dizabilita.

## X’Hemm Bzonn Isir

16. Biex wiehed jaghti harsa dettaljat lejn dan il-qasam bil-fors irid jikkonsidra dawn l-issues:

(a) L-edukazzjoni vokazzjonali ghall-studenti b’dizabilita;
(b) It-transizzjoni mill-iskola sekondarja ghall-attivita ohra li tista’ tkunu edukazzjoni post sekondarja, xoghol jew servizzi ta’ matul il-jum;
(c) Sapport biex persuni b’dizabilita jippartecipaw f’servizzi edukattivi ezistenti post-sekondarji;
(d) Servizzi edukattivi post-sekondarji godda ghall-persuni b’dizabilita;
(e) Provedimenti lill-persuni b’dizabilita ghall-servizzi edukattivi ta’ matul il-hajja kollha (life long education);
(f) Servizzi ta’ Impjieg Issapportjat;
(g) Servizzi ta’ Matul il-Jum.

### Edukzzjoni Vokazzjonali

17. Wahda mill-funzjonijiet ewlenin ta’ kull edukazzjoni formali hi li tipprepara lill-istudent ghad-dinja tax-xoghol meta hu jew hi tilhaq l-eta zghazugh. Din il-funzjoni qed tintlahaq b’diversi modi fl-iskejjel regolari l-aktar premezz ta’ l-guidance teachers u l-counsellors. Bhala regola din il-funzjoni edukattiva ghandha tibda minn eta kmieni bizzejjed biex, meta l-istudenti jilhqu l-eta li fiha jispiccaw l-edukazzjoni obligatorja, huma jkunu ppreparati ghall-hajja zghazugh u adulta kemm jekk din tkun it-tkomplija ta’ l-edukazzjoni formali taghhom kif ukoll jekk din tkun id-dhul taghhom fid-dinja tax-xoghol. Ghaldaqstant l-edukazzjoni vokazzjonali ghandha tibda minn eta kmieni per ezempju minn tnax-il sena.

18. Ma hemm l-ebda dubju li din il-funzjoni hi essenjali ghal kull student inkluz, jekk mhux aktar, ghall-istudenti b’dizabilita l-aktar minhabba l-fatt li l-opportunitajiet tax-xoghol hafna drabi huma aktar limiti ghalihom. Dan hu dovut kemm minhabba d-dizabilita nfisha imma ukoll minhabba l-attitudnijiet negattivi li spiss jiffaccjaw il-persuni b’dizabilita.

19. Fil-prezent l-edukazzjoni vokazzjonali ghall-istudenti b’dizabilita hi limitata hafna. L-iskejjel specjali ma ghandhomx is-servizz ta’ guidance teachers u ghalhekk l-istudenti ta’

dawn l-iskejjel jistghu jibbenefikaw biss minn dan il-qasam mill-kontribut li l-ghalliema tal-klassi tista' taghti. Fir-rigward ta' l-istudenti ta' l-iskejjel regolari, is-sitwazzjoni hi simili. Il-guidance teachers tal-iskejjel regolari ftit li xejn ghandhom tahrig biex huma jkunu f'posizzjoni li jghinu b'mod professjonali studenti b'dizabilita.

20. Il-Kummissjoni temmen li l-kuncett ta' programm individwali edukattiv hu l-aktar mizura importanti biex l-istudenti b'dizabilita jkollhom l-aqwa edukazzjoni possibbli. Dan hu kkonfermat bl-aktar mod car fid-dokument ufficjali tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, "Inclusive Education – Policy Regarding Students with a Disability" mahrug fl-Lulju 2000. Ghalhekk il-programm individwali edukattiv ghandu jkun l-aqwa ghodda biex l-edukazzjoni kollha, inkluz dik vokazzjonali, tinghata lill-isudenti b'dizabilita b'mod ippjanat u kkordinat.

21. Ghalhekk fir-rigward ta' l-edukuazzjoni vokazzjonali, il-Kummissjoni **TIRRAKKOMANDA** li:

(a) *iskejjel specjali ghandhom ikollhom is-servizz ta' guidance teachers u councellors bhala ma ghandhom l-iskejjel sekondarji regolari.*

(b) *il-guidance teachers ta' l-iskejjel regolari ghandhom ikollhom tahrig necessarju biex huma jkunu jistghu joffru s-servizzi professjonali taghhom lill- studenti kollha inkluz dawk b'dizabilita.*

(c) *l-istudenti kollha b'dizabilita (kemm dawk li jattendu skola regolari kif ukoll dawk li jattendu skola specjali ghandhomikollhom PROGRAMM INDIVIDWALI EDUKATTIV u li mill-eta` ta' 12-il sena dan il-programm jibda jahseb ukoll ghall-aspett vokazzjonali u preparazzjoni ghall-hajja adulta ta' dawn l-istudenti.*

## Programm ta' Transizzjoni

22. Il-Kummissjoni temmen li kull meta jkun hemm bidla maggura fil-hajja tal-istudenti b'dizabilita ghandu jkun hemm programm individwali ta' transizzjoni. Dan ighodd l-aktar ghat-transizzjoni mill-iskola primarja ghal dik sekonarja fil-kaz ta' studenti b'dizabilita li jattendu skejjel regolari u dik mill-iskola ghad-dinja tal-adulti fil-kaz ta' l-istudenti kollha b'dizabilita. Id-dinja tal-adulti tista' tkun it-tkomplija tal-edukazzjoni formali taghhom, il-partecipazzjoni fid-dinja tax-xoghol jew l-uzu tas-servizzi ta' matul il-jum ipprovdjuti primarjament mid-Dipartiment tal-Anzjani u Servizzi fil-Komunita .

23. Studenti b'dizabilita ghandhom bzonnijiet differenti hafna u ghalhekk il-programm ta' transizzjoni mill-edukazzjoni sekondarja lejn il-hajja adulta ghandu jinbena skond il-bzonnijiet ta' l-individwu aktar milli fuq xi sett ta' regoli pre-determinati. Dan ifisser ukoll li dan il-programm ghandu jkun twil skond kemm hemm bzonn fil-limiti tar-ragonevolezza.

24. Id-Divizjoni ta’ l-Edukazzjoni hatar ghalliem biex jiehu hsieb il-programm ta’ transizzjoni mill-iskejjel specjali ghad-dinja ta’ l-adulti. Dan hu pass posittiv hafna u ghandu jghin hafna dan is-settur. Dan il-programm tajjeb ghandu jigi estiz biex jinkludi lill-istudenti b’dizabilita li jattendu skejjel regolari.

25. Ghaldaqstant, il-Kummissjoni **TIRRAKKOMANDA** li:

*(a) Il-programm ta’ transizzjoni ghall-hajja adulta ghandu jibda minn kmieni, per ezempju ta’ 12-il sena, u jkun twil (fil-limit tar-ragonevolezza) skond il-bzonn ta’ kull individwu kif imnizzel fil-programm individwali edukattiv ta’ kull student.*

*(b) Il-programm ta’ transizzjoni ghall-hajja adulta ghandu jinkludi l-istudenti b’dizabilita kollha anke dawk li jattendu skejjel regolari.*

*(c) Mill-aktar fiss possibbli, programm ta’ transizzjoni ghall-hajja adulta ghandu jigi zviluppat u implimentat fl-iskejjel kollha tal-Knisja u dawk indipendenti.*

## Sapport ghall-Servizzi Edukattivi Eziztenti

26. Persuni b’dizabilita ghandhom ikollhom l-opportunitajiet kollha biex huma, sa fejn hu possibbli, jippartecipaw f’servizzi edukattivi ezistenti. Biex dan issehh huma ghandhom bzonn ikollhom:

(a) programm individwali edukattiv;

(b) sapport uman u tekniku skond il-bzonn;

(c) arrangamenti differenti ghall-ezamijiet;

(d) premises fizikament accessibbli.

27. Il-Kummissjoni tirri-afferma li l-mezz principali kif ghandha tinghata l-edukazzjoni inkluziva ghandu jkun il-programm individwali edukattiv u li dan ghandu jkun jinkludi l-arangamenti li kull student ghandu bzonn minhabba d-dizabilita tieghu jew taghha kif ukoll is-sapport li kull student ghandu bzonn biex ikun jista’ jkompli l-edukazzjoni formali tieghu jew taghha. Is-sapport jista’ jkun kemm f’termini ta’ apparat specjalizzat jew inkella sapport uman li tista’ tkun assistenza personali, facilitator, qarrejja, notetakers jew interpreti tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija, Il-Kummissjoni temmen ukoll li dawn l-arrangamenti ghandhom jinkludu l-ezamijiet kemm ta’ matul il-kors kif ukoll dawk finali.

28. Fil-prezent, fil-livell post-sekondarju, ipprovdut mid-Divizjoni ta’ l-Edukazzjoni, il-Kullegg Malti ta’ Arti u t-Teknologija, l-Universita jew il-Korporazzjoni ta’ l-Impjieg u t-Tahrig ma hemm l-ebda struttura formali li tghin studenti b’dizabilita u l-ghajnuna limitata li qed tinghata hi wahda ad hoc. Il-providement ta’ programm individwali edukattivi ghal ftit studenti b’dizabilita li waslu f’dan il-livell ftit li xejn jezisti.

(a) Fir-rigward ta' l-ezamijiet, id-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni ippubblika Linji Gwida ghall-Arrangamenti Specjali ghall-Istudenti b'Dizalibita waqt l-Ezamijiet. Sfortunatament, l-Universita tuza kriterji differenti ghall-ezamijiet taghha.

(b) Fil-prezent ghaddejja hidma qawwija, permezz tal-Fondazzjoni Skejjel ta' Ghada biex l-iskejjel governattivi, inkluz dawk post-sekondarji u l-Universita jkunu fizikament accessibbli ghal kulhadd. L-ETC ghandha premises ta' tahrig li hu accessibbli fil-Belt.

29. Ghaldaqstant, il-Kummissjoni **TIRRAKKOMANDA** li

*(a) kull student b'dizabilita, sakemm jibqa' fis-sistema edukattiva, ghandu jkollu programm individwali edukattiv skond kif rakkommandat fil-policy tad-Divizjoni ta' l-Edukation "Inclusive Education"*

*(b) il-programm individwali edukattiv ghandu jinkludi s-sapport li l-istudent ghandu bzonn biex ikun jista' jibbenefika mis-sistema edukattiv post-sekondarja.*

*(c) kull istituzzjoni li tipprovdi edukazzjoni post-sekondarja, jigifieri d-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Kullegg Malti tal-Arti, Xjenza u Teknologija, l-Universita ta' Malta u l-Korporazzjoni tal-Impjieg u t-Tahrig ghandhom ikollhom:*

*(i) politika ta' opportunitajiet indaqs li permezz taghha jintrabtu li jaghmlu t-tibdil ragonevoli kollu possibli biex jissapportjaw studenti b'dizabilita jidhlu fil-programmi ta' tahrig li huma jipprovdu;*

*(ii) ikollhom l-istrutturi u r-risorzi biex jipprovdu s-sapport mehtieg biex studenti b'dizabilita jkunu jistghu jibbenefikaw minn dawn il-programmi. Dan ghandu jinkludi rizorsi umani bhala ma huma facilitators, assistenti personali, interpreti tal-lingwa tas-sinjali, notetakers u qarrejja ghall-persuni ghomja kif ukoll apparatt tekniku mehtieg;*

*(iii) fl-iqsar zmien possibbli, l-istituzzjonijiet kollha li jaghmlu ezamijiet pubblici, ghandhom jaddottaw il-Linji Gwida dwar Arrangamenti Specjali ghall-Ezamijiet lill-Studenti b'Dizabilita li d-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni ghadu kemm adotta.*

## Servizzi Edukattivi Post-Sekondarji Godda

30. Is-socjeta' Maltija qed tiffaccja rejalta gdida ghax ghall-ewwel darba numru ta' studenti b'dizabilita, inkluz dawk b'dizabilita intellettwali, qed jispiccaw l-edukazzjoni obbligatorja taghhom mill-iskejjel regolari. Dan l-aspett posittiv qed ifisser ukoll li issa qed ikollna studenti b'dizabilita intellettwali li spiccaw l-edukazzjoni formali taghhom ta' 16-il sena.

Din is-sitwazzjoni holqot lakuna fis-servizzi ghax bhala regola s-Servizzi ta' Matul il-Jum jaccettaw li jipprovdu s-servizzi taghhom lill-persuni minn 19-il sena 'il fuq. . Barra minn hekk, il-maggoranza ta' dawn l-istudenti, specjalment dawk b'dizabilita intellettwali, ma jiffittjawx f'korsijiet ezistenti post-sekondarji. Il-Kummissjoni, u l-esperjenzi varji minn barra minn Malta, juru li dawn il-persuni jistghu jibbenefikaw minn certi korsijiet edukattivi post sekondarji ezistenti imma li jkunu mfassla skond il-potenzjal edukattiv ta' kull individwu b'dizabilita.

31. Barra minnhekk dawn l-istudenti ghandhom ikollhom opportunita li jkomplu l-edukazzjoni taghhom f'oqsma specifici bhal ma huma kura personali, assertiveness, literacy bazika u uzu tal-kompjuter.

32. Fil-prezent ma jezisti l-ebda provediment edukattiv li jista' jew li qed jipprovdi dawn is-servizzi. Dan ifisser li persuni b'dizaiblita, l-aktar dawk b'nuqqas intellettwali, ma huma qed jibbenefikaw xejn minn dan l-invesitment qawwi li pajjizna qed jaghmel f'dan is-settur.

33. Il-Kummissjoni temmen li l-Kullegg Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknologija (MCAST) ghandu jipprovdi dawn is-servizzi lil din is-sessjoni tal-populazzjoni. Dan jista' jsir billi l-MCAST johloq istitut fi hdanu li jkun miftuh ghall-istudenti b'dizabilita intellettwali ta' eta' post-sekondarja. Il-post ghal dan l-Istitut jista' jkun wahda mill-iskejjel specjali ezistenti ghalkemm aktar ma' dan l-Istitut ikun fizikament integrat u f'post centrali aktar jista' jkun ta' success. Biex naghtu ezempju, il-Kumpless ta' l-Iskola Guardian Angel joffri din il-possibilita ghax hu centrali u hu kbir bizzejjed biex l-MCAST ikun jista' juzah ghal programmi ohra li joffri jew ghal istitut iehor barra dan li qed jigi rakkommandat. L-MCAST ghandu jesplora l-possibilita li juza s-servizzi ta' ghalliema b'esperjenza f'dan il-qasam anke dawk li jkunu rtiraw u jkunu jixtiequ jkomplu jahdmu.

34. Ghaldaqstant, il-Kummissjoni **TIRRAKKOMANDA** li l-Kullegg Malti tal-Arti, Xjenza u Teknologija ghandu jkollu istitut specifiku li:

*(a) ifassal u jikkordina programmi individwali edukattivi f'certi korsijiet ezistenti ta' istituti ohra fi hdanu ghall-studenti b'dizabilita l-aktar dawk intellettwali;*

*(b) joffri korsijiet vokazzjonali specifici lill-studenti b'dizablita primarjament dawk b'nuqqas intellettwali f'oqsma bhal ma huma kura] personali, assertiveness, literacy bazika, uzu tal-kompjuter, ecc;*

*(c) isservi ta' rizorsa importanti ghal guidance teachers u professjonisti ohra li jkunu jahdmu ma' studenti b'dizabilita' f'programmi ta' transizzjoni waqt l-edukazzjoni sekondarja u fl-MCAST innifsu.*

## Edukazzjoni Matul il-Hajja Kollha (Life-long Education)

35. Fil-prezent il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni qed ifassal politika nazzjonali dwar l-Edukazzjoni ghal Matul il-Hajja Kollha. Din il-politika ser tkun mibnija fuq il-kuncett li t-taghlim ma jieqafx ma' l-eta obligarorja ta' meta wiehed irid jattendi l-iskola, imma jibqa' ghal matul il-hajja kollha. Il-Kummissjoni temmen li dan il-kiuncett ghandu jghodd ukoll ghall-persuni b'dizabilita. Dan jista' jsir biss jekk:

(a) il-politika mfassla ghal dan il-qasam tkun wahda inkluziva;

(b) ikun hemm ir-rizorsi finanzjarji necessarji biex din il-politika inkluziva tkun tista' tigi implimentata;

(c) il-postijiet u l-metodi maghzula biex isir dan it-taghlim ikunu accessibbli ghal kulhadd. Dan isehh jekk ikun hemm bini accessibbli, media alternattiva u teknologija accessibbli.

36. Ghaldaqstant, il-Kummissjoni **TIRRAKKOMANDA** li *l-Politika Nazzjonali dwar l-Edukazzjoni ghal Matul il-Hajja Kollha tkun wahda inkluziva, jigifieri li tinkorpra lill-persuni b'dizabilita, anke dawk b'nuqqas intellettwali u li fl-implimentazzjoni taghha jigu allokati r-risorzi necessarja.*

## Servizzi ta' Impjieg Issapportjat

37. Il-pajjiz ghandu Ligi dwar l-Impjieg (Persuni b'Dizabilita) li saret fl-1969 li l-providement l-aktar maghruf taghha hu li jobbliga lil min ihaddem aktar minn 20 persuna jrid jimpjega 2 fil-mija minn registru ta' persuni b'dizabilita Dan ir-registru jinzamm mill-Korporazzjoni ta' l-Impjieg u t-Tahrig. Dan il-provediment tal-Ligi qatt ma gie infurzat u ghalhekk din il-ligi ftit li xejn halliet effett positiv fuq dan il-qasam.

38. Fil-prezent, il-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig (ETC) ghandha numru ta' skemi u ftehim ma' NGOs li jahdmu fil-qasam tal-persuni b'dizabiita. Dawn jinkludu:

(a) l-iskema Bridging the Gap li tghin fuq bazi temporanja lil min ihaddem biex iharreg u jimpjega persuni b'dizabilita;

(b) ftehim mal-Fondazzjoni Eden ghal tahrig u sapport fl-impjieg lill-persuni b'dizabilita intellettwali;

(c) ftehim mal-Fondazzjoni Richmond ghal tahrig u sapport fl-impjieg lill-persuni b'dizabilita psikologika;

(d) ftehim mal-Fondazzjoni ARKA ghal tahrig u sapport fl-impjieg lill-persuni b'dizabilitajiet differenti f'Ghawdex;

(e) ftehim mal-FITA biex jinghata tahrig fit-thaddim tal-kompjuters lill-persuni ghomja.

39. Il-ftehim li l-ETC ghandha ma’ dawn l-NGOs qed ihalli l-effett mixtieq fir-rigward tat-tarig pero mhux daqstant fir-rigward ta’ placement. Raguni wahda hi li ma hemm l-ebda sapport premanenti lil min ihaddem meta jkun hemm dan il-bzonn. Biss, hemm bzonn li dan l-aspsett jigi mistharreg aktar biex jinstabu l-fatturi l-ohra ghal din il-problema u fuq kollox soluzzjonijiet ghalihom.

40. Il-ftehim li l-ETC ghandha ma’ nurmu ta’ NGOs huma dwar persuni b’dizabilita intellettwali u psikologika. Dan ifisser li l-hidma tal-ETC ma’ persuni b’dizabilita fizika u sensorjali hi ferm aktar limitata.

41. Wahda mill-akbar problema li qed tinhass f’dan il-qasam hu l-fatt li s-sapport li jinghata biex persuna b’dizabilita tibqa’ fl-impjieg hu wiehed fuq bazi temporanja. Hemm proposta mill-ETC, issapportjat mill-Kummissjoni, biex ikun hemm skema ta’ sapport fuq bazi permanenti, fejn dan hu mehtieg.

42. Il-Fondazzjoni Eden ghandha kooperativa li fiha numru ta’ persuni b’dizabilita intellettwali qed jahdmu fiha bis-sapport li ghandhom bzonn. Ghandu jsir studju, fl-involviment tal-partijiet kollha koncernati (Bord tal-Kooperattivi, ETC, Fondazzjoni Eden u Servizzi ta’ Matul il-Jum) biex jsir maghruf jekk is-settur tal-kooperattivi ghall-haddiema b’dizabilita jistax jizviluppa aktar. Il-Kummissjoni ghandha tikkordina din il-hidma.

43. L-ETC ghandha unit zghir fi hdanha li thaddem il-ligi msemmija, thaddem dawn l-iskemi u tghin lill-adulti b’dizabilita jiehdu tahrig vokazzjonali u jsibu impjieg. Ma hemm l-ebda dubbju li din il-unit jehtieg li tissahhah.

44. Ghaldaqstant il-Kummissjoni **TIRRAKKOMANDA** li:

*(a) l-Ligi tal-Impjieg (Persuni b’Dizabilita) ghandha tibda tigi infurzata b’mod intelligenti mill-ETC;*

*(b) il-Kummissjoni, bis-sehem shih tal-partijiet kollha involvuti, ghandha tikkordina studju dwar is-sehem tal-kooperattivi fl-impjieg ta’ persuni b’dizabilita;*

*(c) l-ETC taghmel studju biex tassigura li l-ftehim li ghandha mal-NGOs ihallu r-rizultati mixtieqa anke fir-rigward tal-placements;*

*(d) l-ETC tibda l-iskema proposta biex tipprovdi sapport permanenti lill-persuni b’dizabilita severa li ghandhom bzonnha;*

*(e) l-ETC tizviluppa aktar is-servizzi taghha ghall-persuni b’dizabilita fizika jew sensorjali;*

(f) *l-ETC tahdem mill-vicin mal-Fondazzjoni ghall-Accessibilita' ta' l-Informatika (FITA) sabiex jigu organizzati korsijiet specjalizzati ghall-persuni b'dizabilita' u genituri ta' persuni b'dizabilita';*

(g) *l-ETC tizviluppa aktar it-Taqsima taghha li tiehu hsieb dan is-settur.*

## Servizzi ta' Matul il-Jum

45. Il-Kummissjoni thoss li kull perusna ghandha jkollha l-opportunita li tidhol fid-dinja tax-xoghol bis-sapport li jkollha bzonn. Biss jibqa' l-fatt li numru ta' persuni b'dizabilita severa ser ikollhom bzonn ta' servizzi alternattivi ghal matul il-jum. Illum dan in-numru hu pjuttost gholi imma l-Kummissjoni temmen li b'aktar investiment u b'aspettivi aktar rejalsitici minn kulhadd dan in-numru zgur li ser jonqos.

46. Il-Kummissjoni temmen li dawn is-servizzi ta' matul il-Jum ghandhom jinghataw skond pjan individwali u fil-komunita'. Il-Kummissjoni taqbel mal-mizuri li qed jittiehdu biex jinfethu centri tar-rizorsi zghar fil-komunita' ghal dan il-ghan. S'issa nfethu centri zghar fil-komunita' ta' l-Imtarfa, ta' Pembroke u tal-Birgu. Infetah ukoll Centru zghir ta' Matul il-Jum mill-Fondzzjoni Eden bis-sapport finanzjarju tal-Ministeru ghall-Politika Socjali. Dan ifisser li c-Centri ezistenti ma ghandhomx jibqghu jikbru anzi jekk jista' jkun jickienu biex ikollhom numru ta' persuni li jkun aktar manigibbli u li jistghu dejjem aktar jaghtu servizz personalizzat u fil-komunita'. Dan ifisser li l-persuni b'dizabilita li jattendu dawn ic-Centri zghar ikunu aktar prezenti fil-komunita, jaghmlu uzu akbar ta' rizorsi komunitarji ezistenti u fl-istess hin ipoggu r-risorsi taghhom,anke jekk limitati, ghad-disposizzjoni ta' l-istess komunita.

47. Fil-prezent ic-Centri l-kbar qed jiffaccjaw ukoll il-problema li fihom jattendu persuni b'dizabilita ta' etajiet differenti hafna, jigifieri minn 19-il sena sa 70 sena jew aktar. Dan hu dovut l-aktar ghall-fatt li l-persuni b'dizabilita ukoll qed ikollhom hajja itwal. Ghaldaqstant ghandu jsir studju dwar kif tista' tintgheleb din il-problema rejali.

48. Il-Kummissjoni thoss ukoll li kull persuna li tircievi dan is-servizz ghanha jkollha Pjan ta' Sapport Individwali (Individual Support Plan) biex hi jkollha hajja ta' kwalita bis-sapport mehtieg.

49 Is-Servizzi ta' Matul il-Jum ghandhom ikollhom ir-risorsi umani u teknici biex ikunu jistghu jipprovdu servizz ta' kwalita. Ghal dan il-ghan hemm bzonn li jkun hemm investiment akbar f'rizorsi teknici u ghall-ingagg ta' haddiema professjonali biex jaghtu s-sapport mehtieg lil haddiema l-ohra. Dan ghandu jinkludi professjonisti bhal ma huma occupational therapists, psikologisti, communication therapists, social workers, physiotherapists, ecc.

50. Ghaldaqstant il-Kummissjoni **TIRRAKKOMANDA** li:

(a) *kull persuna li qed tircievi jew ser tibda tircievi Servizz ta' Matul il-Jum ghandha jkollha pjan indivdiwali ghaliha li jkun tfassal fis-sehem shih taghha, tal-genituri taghha u l-professjonisti kollha necessarji;*

(b) *is-Servizzi ta' Matul il-Jum ikollhom ir-rizorsi necessarji, kemm dawk umani kif ukoll dawk finanzjarji, biex ikunu jistghu jfasslu u jwettqu dawn il-pjanijiet individwali;*

(c) *dawn is-servizzi jkomplu jizviluppaw f'Centri ta' Rizorsi zghar u fil-komunita'.*

(d) *issir studju dwar kif ic-Centri l-kbar jistghu jnaqqsu mill-effetti negattivi li ggib maghha l-fatt li fihom jattendu persuni b'dizabilita ta' etajiet differenti hafna.*

## Konkluzjoni

51. Minn dan id-dokument jidher car li l-mizura l-aktar importanti f'dan is-settur, hu li jkun hemm pjan edukattiv individwali fil-kaz tat-tfal u z-zghazagh u pjan individwali ta' sapport fil-kaz ta' l-adulti. Ghalhekk hu importanti li dan il-kuncett jigi enfasizzat, mifhum u implimentat.

52. Il-Kummissjoni temmen li s-servizzi ghall-persuni b'dizabilita wara s-16-il sena huma r-responsabilita ta' diversi entitajiet differenti, l-akbar tad-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni, it-Taqsima Servizzi ta' Matul il-Jum, l-MCAST, l-Universita u l-ETC.

53. Il-Kummissjoni temmen ukoll li hi r-responsabilita taghha li ggib flimkien dawn l-entitajiet differenti biex titfassal politika ghal dan il-qasam ibbazat primarjament fuq dan id-dokument u wara jitfassal programm ta' hidma minn kull entita biex fuq zmien ragonevoli, din il-politika tigi implimentata.

54. **RAKKOMANDAZZJONI:** *Ghaldaqstant, bhala l-ewwel mizura, il-Kummissjoni ghandha, hi stess, tlaqqa' dawn l-entitajiet biex tiddiskuti dan id-dokument u tkompli tikkoordina l-hidma mehtiega f'dan is-settur.*

---